QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 3738/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Osman Badwy**

**<u>Illum, 16 ta' Jannar 2025</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Osman Badwy detenur** tan-numru tal-Pulizija **19JJ-040**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u theta u ghoxrin (2023) u/jew fil-granet ta' qabel din id-data-

- Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil- pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' (4) u s-sitt (6) Taqsima ta 1-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat II jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-

droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tiegħu skond ir-ričetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-elf disa' mija u disgha u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-użu esklussiv tieghu

- Kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' (4) u s-sitt (6) Taqsima ta I-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil- licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu ghall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-elf disa' mija u disgha u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medićini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet ftali čirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-użu esklussiv tieghu.

- Kellu fil-pussess tiegħu r-raża mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bażi din ir-raża bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali čirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-użu esklussiv tieghu.

Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew huma propjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat

milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi propjeta' mobbli jew immobbli, ai termini ta' l-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi di piu' il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta′ Ġudikatura Kriminali ta′ nhar it-30 ta′ Awwissu,2024, fejn sabet lill-imputat Osman Badwy hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghall-piena ta' tliet (3) snin prigunerija, li minnhom għandu jitnaqqas iż- żmien li huwa nżamm taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ u multa ta' elfejn u tmien mitt ewro (€2,800).

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali il-multa tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn ewro (€200), u li f'kaz li l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, il- multa hawn imposta għandha tithallas fi żmien ħmistax (15)-il xahar u l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dana li jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, l-ammont shih jew kwalunkwe bilanc rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi;

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-hati ihallas is-somma ta' tmien t'elef tmien mija u disgha u sebghin ewro u sittin centeżmu (€8,879.60) rappreżentanti l-ispejjeż in konnessjoni mal-hatra tal- esperti PS 385 Emanuel Dalli, Gilbert Mercieca, Dr. Marisa Cassar, PS 813 Clinton Vella u Joseph Mallia fl-istadju tal-inkjesta magisterjali, kif ukoll f'dawn il-proċeduri, fi żmien tmien (8) xhur mid-data tas-sentenza;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Generali datat tnejn (2) ta Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023)

mahrug ai termini tas subartikolu tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal Liġijiet ta' Malta, li permezz tiegħu l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il Qorti sabiex iwieġeb ghall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu għal ksur ta provvedimenti tal-istess Ordinanza;

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Osman Badwy, preżentat fir-reġistru ta′ din l-Onorabbli Qorti nhar id-9 ta′ Settembru, 2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ai finijiet ta' ħtija, u f'każ li xorta issib ħtija, tvarja s-sentenza ai finijiet ta' piena u dana billi tingħata piena aktar xierqa u tghati aktar żmien biex jithallsu multi u/jew spejjeż in konnessjoni mal-hatra tal- esperti u l-kawża, li jirriflettu ċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz odjern.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Illi, l-appellant umilment qed jinterponi dan l-Appell, kemm il-ħtija kif ukoll dwar il-piena nflitta fuqu. Fir-rigward tal-htija, L-appellant jikkontendi illi huwa mhux hati u illi l-Ewwel Qorti kellha tieħu ukoll in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi; -

1. Illi mill-Process Verbal bin-numru 573/2023 li ġie ppreżentat f'din il-kawża, mhux car jekk fl-atti tal-inkjesta dwar pussess aggravat ta' droga fi triq il-Gerrejja, Marsa, kienx rigward id-data imsemmija fl-atti tal-akkużi - jiġifieri fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn, tlieta u għoxrin (2023) - jew fir-rigward tal-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas- sena elfejn, tlieta u għoxrin (2023), hekk kif hemm konvulzjoni fil-Proces Verbal bejn meta sar l-allegat reat,

2. Illi x-xhieda tat-tlett Pulizija kkonċernati (jiġifieri PS1320, PC2450, u PC 72) li fuqha l-aktar qed tistrih l-Ewwel Qorti sabiex tikkonferma l-fatti u issib htija, hija mimlija inkonsistenzi inkluż inkonsistenzi mar-rapport fuq fejn u ċ-ċirkostanzi li wasslu ghal-arrest tal-imputat, liema rapport ġie mħejjaq mill-istess Pulizija u preżentat mill-Prosekuzzjoni fil-każ odjern;

3. Illi l-istqarrija tal-imputat ittiehdet mill-Pulizija mingħajr interpretu preżenti, minkejja illi l-imputat huwa Sudaniż, u l-Malti tiegħu huwa limitat. Tant hu hekk illi, fis-seduta tal-ħdax (11) t'Ottubru tas-sena elfejn, tlieta u għoxrin (2023) il-Qorti hadet konjizzjoni illi l-imputat ma jifhimx tajjeb il-lingwa Maltija u hatret interpreti sabiex jassistu lill-imputat;

4. Illi s-sottomissjoni tal-imputat illi ma għandux jinstab hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih stante li ma ngabitx l-aqwa prova billi ma ngabux il-CCTV li kien hemm fl-akwati u ma ngabux filmati tal-bodycams tal-Pulizija li kien hemm fuq il-post, hija sottomissjoni important mhux biss għaliex hija l-aqwa prova, u l-każ ghal raġunijiet surreferiti ma pruvatx l-kas fil-grad rikjest mill-liġi, iżda ukoll għaliex ir-reat in kwistjoni sar fit-triq il-Gerrejja jew it-Tigrija, il-Marsa, toroq li għandhom hafna CCTVs. Ghaldaqstant il-prosekuzzjoni kellha ġġib din il-prova mhux biss għax hija l-ahjar prova, iżda ukoll għaliex għandha tapprova l-akkużi mingħajr ebda dubbju u ghandha rwol li tinvestiga r-reat b'mod effetiv u kumplet ġia la darba l-imputat insista li qed jiġi skoretament identifikat bhala l-persuna li għamel dan ir-reat. In oltre, il-kisba ta' CCTV mhux xi ħaġa impossibbli sabiex il-prosekuzzjoni tikseb sabiex tapprova l-kas tagħha stante li t-toroq ikkonċernati huma mimlija CCTV. Din il-prova kellha tinġab, jew almenu l-prosekuzzjoni kellha għalinqas tipprova tikseb din il-prova, kemm jekk il-CCTV tapprova l-akkużi, kif ukoll jekk teżenta lill-imputat

Illi, in oltre, meta ghaddiet ghal-piena l-appellant jikkontendi li l-Ewwel Qorti kellha tiehu ukoll in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi; -

1. Il-piena inflitta fuqu ta' tlett (3) snin prigunerija u multa ta' elfejn u tmien mitt ewro (€2800) li trid tithallas f'temp ta' ħmistax (15) il-xahar b'pagamenti mensili ta' mitejn ewro (€200), b'dana li jekk l-imputat jonqos milli jhallas pagament wiehed, l-ammont shih jew kwalunkwe bilanċ rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi, kellha tkun wahda ferm aktar miti u raĝonevoli, u tkun vera tirrifletti ċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz odjern,

2. In oltre mal-piena, ġie deciż illi l-imputat ghandu ihallas is-somma ta' tmien t'elef tmien mija u disgha u sebghin ewro u sittin ċenteżmu (€8879.60) rappreżentanti spejjeż in konnessjoni mal-hatra tal-esperti fl-istadju tal-inkjesta magisterjali, kif ukoll għal-proċeduri tal-każ odjern, fi żmien tmien (8) xhur mid-data tas-sentenza.

3. Illi l-imputat huwa Sudaniż bla familja ġewwa Malta, u ġia la darba l-imputat qiegħed jiskonta sentenza ta' priġunerija effettiva huwa impossibli li jagħmel dan il-pagamenti straordinarjament gholjin waqt li huwa qiegħed jiskonta sentenza l-ħabs u ma ghandu l-ebda membri familjari li jistgħu jghinuh jagħmel dan.

Rat l-atti tal-kawza inkluz id-dokumenti esebiti u ezaminat ix-xhieda imressqa.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan l-appell u dan fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2024 meta l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

**<u>Illi fir-rigward l-Ewwel Aggravju</u>**

Illi fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jistqarr li huwa mhux ħati tal-akkużi dedotti kontra tiegħu. Fil-qosor dan l-aggravju jinqasam f'erbgħa (4) fejn l-imputat jisħaq:

(1) jisħaq li d-data mhix waħda ċerta fir-rigward il-pussess aggravat ta' droga fi triq il-Gerrejja, Marsa,

(2) li x-xhieda tat-tlett Pulizija kkonċernati (jiġifieri PS1320, PC2450, u PC 72) li fuqhom l-aktar straħet l-ewwel Qorti sabiex tikkonferma l-fatti u issib htija huma mimlija inkonsistenzi

(3) li l-istqarrija tal-imputat ittieħdet mill-Pulizija mingħajr ma kellu interpretu preżenti u

(4) illi l-imputat ma għandux jinstab hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih stante li ma ngabitx l-aqwa prova billi ma ngabux il-CCTV li kien hemm fl-akwati u ma ngabux filmati tal-bodycams tal-Pulizija li kien hemm fuq il-post.

Illi rigward l-ewwel punt ta' l-ewwel aggravju, din il-Qorti tissenjala li l-akkuża tindika li d-data li fiha l-akkużat jinsab akkużat biha hija dik tat-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) u/jew fil-granet ta' qabel din id-data. Huwa ġie arrestat f'dik id-data u l-istqarrija ingħatat f'dik id-data ukoll. Illi għalhekk id-data tal-akkuża hija waħda korretta u din il-Qorti ma tara ebda inkonsistenza fid-data tal-akkuża.

Illi fir-rigward it-tieni punt ta' l-ewwel aggravju, din il-Qorti anqas taqbel mal-punt sollevat mill-imputat li PS1320, PC2450, u PC 72 kienu inkonsistenti meta huma ġew biex jagħrfu lill-imputat. Anzi mill-provi irriżulta illi l-Pulizija ma kellhom ebda diffikultà biex jidentifikawh b'mod ċar. Barra minn hekk, l-Uffiċjali tal-Pulizija kkonfermaw li kienu raw lill-akkużat f'diversi okkażjonijiet preċedenti u kienu familjari miegħu. L-identifikazzjoni seħħet fl-istess jum, u eliminat il-possibbiltà li jgħaddi żmien sinifikanti li jista' jwassal għal identità żbaljata. Barra minn hekk, PS 1320, kien involut fl-arrest aktar tard dakinhar stess u stqarr li l-akkużat kien għadu liebes l-istess ħwejjeġ.

Illi din il-Qorti tikkondividi l-konklużjonijiet milħuqa mill-ewwel Qorti u tqis li x-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija bħala waħda kredibbli u affidabbli u ma teżisti l-ebda raġuni għaliex din il-Qorti għandha tiddipartixxi mill-konklużjoni milħuqa mill-ewwel Qorti. Dawn ix-xhieda kienu skjetti u ċari u ma ħallew l-ebda dubju dwar l-identita' tal-akkużat liema xhieda baqgħet waħda kostanti anke in kontroeżami.

Illi fir-rigward it-tielet (3) parti ta' l-ewwel agravvju li l-istqarrija tal-imputat ittiehdet mill-Pulizija mingħajr interpretu preżenti, minkejja illi l-imputat huwa Sudaniż, u l-Malti tiegħu huwa limitat, din il-Qorti anqas taqbel ma din il-parti ta' dan l-aggravju. Din l-Qorti wara li fliet l-atti irriżulta li mid-data li fiha l-akkużat tressaq taħt arrestat u cjoe' fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn, tlieta u għoxrin (2023) sas-seduta tal- ħdax (11) t'Ottubru tas-sena elfejn, tlieta u għoxrin (2023) l-akkużat jew il-legali tiegħu (u kien hemm diversi), qatt ma ssenjalaw li huwa tabilħaq ma kienx qiegħed jifhem dak li kien qiegħed jingħad minkejja li kellu opportunita' ampja sabiex jagħmel dan. Certament li kieku huwa ma kienx jifhem bil-lingwa Maltija xi hadd mir-rapprezentanti legali tieghu kien jissenjala dan qabel is-seduta tal-ħdax (11) t'Ottubru tas-sena elfejn, tlieta u għoxrin (2023).

Illi din il-Qorti ma hijix konvinta li l-imputat ma għandux għarfien tajjeb tal-lingwa Maltija. Il-fatt waħdu li fis-seduta tal-ħdax (11) t'Ottubru tas-sena elfejn, tlieta u għoxrin (2023) ġew maħtura l-interpreti għal imputat ma jfissirx awtomatikament li huwa ma jifhimx il-lingwa Maltija.

Illi din il-Qorti temmen li l-imputat qiegħed jipprova iwaqqa' l-valur probatorju tal-statement mogħti minnu stante li l-akkużat ikkonferma f'dan l-statement li fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) għal ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7.30 p.m.) huwa kien fejn l-istallel fi Triq il-Ġerrejja, Mosta. Huwa pero' innegga li telaq jiġri iżda qal li telaq jimxi. Huwa kkonferma ukoll fl-istatement li huwa jagħmel użu mid-drogi.

Illi għalhekk it-tielet parti ta' l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud ukoll.

Illi fir-rigward ir-raba' parti ta' l-ewwel aggravju li l-Prosekuzzjoni ma ġabitx l-aqwa prova din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Vincent Farrugia et</u>** (Numru 17/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> *"11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq*

*b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu l-Qorti tkun tista' ssib ħtija." Illi tajjeb jiġi mfakkar li Qorti tista' tkun selettiva f'dak li temmen mill-verżjonijiet mogħtija mix-xhieda li jitressqu quddiemha. Minbarra dan kif inhu ormai stabbilit filġurisprudenza nostrana mhux kull kunflitt fil-provi għandu jmur a favur tal-appellant.*

*F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fil31 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Clive Caruana</u>** (Numru 360/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

*"5. […] L-ewwel Qorti korrettament kkunsidrat li mhux konflitt fil-provi għandu jwassal għal-liberatorja u għamlet referenza għall-ġurisprudenza in rigward. Iżżid din il-Qorti tosserva illi kif kostantament ritenut l-ewwel Qorti kienet korretta in rigward. Għaliex "mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għalliberazzjoni tal-persuna akkużat. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enunċjati flartikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal għall-konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux" (ara **<u>Il-Pulizija vs. Joseph Thorne</u>** App Krim 9.07.2003 u **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino et</u>** Qrt Krimi. 19.10.2006). Inoltre kif ritenut mill-ġurisprudenza abbraċjata minn din il-Qorti, min ser jiġġudika jista' jemmen lix-xhud f'kollox jew f'parti u jekk ma jemminx lix-xhud f'parti mix-xiehda tiegħu ma jfissirx li ma jistax ikun emmnut f'parti oħra. Issa, l-ewwel Qorti, kienet fil-piena liberta' li tagħmel dan l*

*eżerċizzju u minkejja li sabet inkonsistenzi fil-fatti kif rakkontati mill-parte civile, xorta waħda emmnitha fil-parti li biha nkriminat lill-imputat."*

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat bir-reqqa x-xhieda prodotta u b'mod partikolari x-xhieda ta' PS1320, PC2450, u PC 72 u kif ingħad aktar 'il fuq, din il-Qorti tikkonkludi li x-xhieda tagħhom hija waħda ferm kredibbli u ma ħalliet ebda dubju f'moħħ l-ewwel Qorti u anqas f'dik ta' din il-Qorti. L-akkużat saħaq illi hemm diversi CCTV's fiz-zona u li l-prosekuzzjoni naqset li tippreżenta l-filmati tagħhom. Minkejja dan, f'dawn l-atti ma hemm enda prova li tabilħaqq fiz-zona hemm CCTVs u għalhekk anqas jirriżulta effettivament li l-aqwa prova għar-rigward filmati ma ġewx ippreżentati.

Illi rigward il-bodycams din il-Qorti temmen li l-inċident tant seħħ f'ħakka t'għajn li l-prijorita' tal-Uffiċjali tal-Pulizija ma kienitx dik li jixgħelu l-bodycams iżda li kienet li jippruvaw jaqbdu lill-akkużat (kif għamel PC2450) u li jiżguraw li d-droga ġewwa l-basket tiġi 'protetta' (kif għamlu PS1320 u PC 72). Għalhekk dan ir-raba' parti tal-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Issa kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta w anki kif illum preseduta," *principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment, tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha."* (App. Krim. **<u>Il Pulizija vs. Joseph Zahra</u>**[1] u ohrajn.) Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx "*safe and satisfactory*" li tinstab il-htija addebitata lill-appellanti.

## <u>Illi fir-rigward it-Tieni Aggravju</u>

Dwar il-piena l-appellant jistqarr li din għandha tkun aktar miti u ragonevoli, u tkun vera tirrifletti ċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz odjern. Kwantu għall-piena inflitta mill-

[1] Deciz nhar l-10 ta Mejju 2002

Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat lewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil prinċipju jew manifestament eċċessiva.

Illi hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 ta' Awwissu 2005: It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

> *"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a*

*sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb</u>**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l- emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et</u>** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

*8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li lewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, linteressi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel Qorti.*

Illi fil-kaz odjern il-Qorti rat li l-piena inflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-Ligi u ma hemm l-ebda raguni 'l ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-gudizzju ta' l-ewwel Qorti u għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Fic-cirkostanzi għalhekk l-appell qed jiġi michud w s-sentenza appellata konfermata.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**